GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION
PEOPLE MANAGEMENT DEPARTMENT

**ĊIRKOLARI**

| | |
|---|---|
| Referenza: | DGPM 09/2026 |
| Mingħand: | Id-Direttur Ġenerali – People Management Department |
| Lill: | Segretarji Permanenti<br>Diretturi Ġenerali<br>Chief Information Officers<br>Diretturi<br>Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi<br>Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku |
| Suġġett: | Opportunitajiet ta' Espożizzjoni ta' Xogħol tas-Sajf 2026 għall-istudenti |
| Data: | 24 ta' April 2026 |

---

*Lingwaġġ u terminoloġiji li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

It-Taqsima tal-Għotjiet ta' Manteniment għall-Istudenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Istitut tas-Servizzi Pubbliċi fi ħdan id-Diviżjoni Dwar Nies u Standards fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, qegħdin għal sena oħra joffru esperjenza ta' espożizzjoni ta' xogħol fis-sajf lil studenti li għadhom kemm temmew l-edukazzjoni sekondarja obbligatorja tagħhom (Sena 11/Form V) matul din is-sena skolastika 2025 – 2026.

Dipartimenti tal-Gvern u l-Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku qegħdin jintalbu sabiex jidentifikaw:

a) Xogħol ippjanat u proġetti fl-organizzazzjonijiet tagħhom li jistgħu jitwettqu, taħt superviżjoni jew tmexxija, minn studenti li għadhom kemm temmew l-edukazzjoni obligatorja taghhom.

b) Dmirijiet klerikali/ġenerali li jistgħu jingħataw lil studenti li għadhom kemm temmew l-edukazzjoni obligatorja taghhom.

Ladarba jiġu identifikati opportunitajiet ta' xogħol, dawn it-talbiet iridu jiġu rreġistrati mat-Taqsima tal-Għotjiet ta' Manteniment għall-Istudenti billi timtela l-formola onlajn li l-ħolqa għaliha tinstab fl-aħħar ta' din iċ-ċirkolari.

Din l-iskema hija maħsuba biex toffri opportunitajiet ta' xogħol lill-istudenti matul il-vaganzi tas-sajf tagħhom. It-Taqsima tal-Għotjiet ta' Manteniment għall-Istudenti m'huwa marbut bl-ebda mod li jalloka lill-istudenti skont il-qasam tal-istudju tagħhom, peress li dan jiddependi ħafna mit-talbiet ta' min iħaddem, kif ukoll mill-klassifika li l-applikanti jkunu kisbu f'test li jkun sar wara li tkun ġiet ikkonfermata l-applikazzjoni tagħhom.

L-istudenti jistgħu jiġu assenjati dmirijiet ġenerali, jew jintalbu jaħdmu f'oqsma oħra skont kif ikun meħtieġ u addattat għalihom.

It-Taqsima tal-Għotjiet ta' Manteniment għall-Istudenti jista' wkoll jikkunsidra li jvarja l-perjodu ta' impjieg tal-istudenti għal dati differenti minn dawk stabbiliti minn din iċ-ċirkulari jekk dan jiġi ddeterminat mit-Taqsima li jkun ta' benefiċċju kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-istudent rispettivament.

Għandu jiġi nnutat li d-Dipartimenti tal-Gvern u Organizzazzjonijiet tas-Settur Pubbliku:

- huma liberi li jiddeterminaw in-numru ta' studenti li huma meħtieġa u għal kull perjodu hawn taħt imsemmi;
    - ***Phase* 1**: Mis-**6 ta' Lulju sal-31 ta' Lulju 2026,** jew
    - ***Phase* 2**: Mit-**3 ta' Awwissu sat-4 ta' Settembru 2026** *(minbarra l-ġimgħa ta' Santa Marija (jiġifieri bejn l-10 ul-14 ta' Awwissu 2026).*

- Ta' min isemmi li minħabba l-għad sostanzjali ta' applikazzjonijiet li mistennija li nirċevu, għalkemm l-istudenti jistgħu japplikaw għaż-żewġ *Phases*/fażijiet, huma jistgħu jiġu ngaġġati għal *phase*/fażi waħda biss mill-perjodi fuq indikati;

- huma responsabbli li jerfgħu il-piż tal-ħlas tas-salarju tal-istudenti inkluż il-ħlas tas-Sigurta` Soċjal (NI);

- għandhom japplikaw tnaqqis tas-Sigurta` Soċjali (NI) hekk kif ġej ;

    - Kategorija A – Studenti taħt it-18-il sena – NI li trid titħallas hija €6.62 fil-ġimgħa
    - Kategorija B – Studenti 'l fuq minn 18-il sena – NI li trid titħallas hija €22.94 fil-ġimgħa

- Il-ħlas għal dan ix-xogħol se jkun ta' €8.51 fis-siegħa (jiġifieri l-ekwivalenti ta' €680 għal 80 siegħa ta' xogħol għal kull *phase*/fażi). Din ir-rata hija konformi mal-paga bażika ta' Skala ta' Salarji 16 tas-Servizz Pubbliku). L-istudenti ma jistgħux jaħdmu aktar minn 80 siegħa jew għal sigħat mhux maħduma.

  It-80 siegħa jinkludu wkoll, l-assenza skużata (*vacation leave*) u l-assenza minħabba mard (*sick leave*).

- ikunu responsabbli għall-ikkreditar ta' ħlas direttament lill-istudenti;

- għandhom jiżguraw li l-istudenti jirċievu l-bonus u kwalunkwe benefiċċju ieħor bħal assenza skużata *pro rata*, assenza minħabba mard (mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat mediku) u dħul supplimentari fuq bażi *pro rata.*

Għal perjodu ta' 4 ġimgħat (80 siegħa):

| | |
|---|---|
| **Assenza Skużata (*vacation leave*** | 7 sigħat |
| **Bonus** | €10.39 |
| **Dħul Supplimentari** | € 9.32 |
| **Assenza minħabba mard (*sick leave)*** | 8 sigħat b'paga sħiħa<br>8 sigħat b'nofs paga |

- għandhom jiżguraw li kull impjieg jiġi rreġistrat ma Jobsplus permezz tal-formola ta' Bidu tal-Impjieg skont Kapitlu 594 - Att dwar is-Servizzi Ta' Impjiegi u Taħriġ. Ma hemmx bżonn ta' approvazzjoni minn Jobsplus fil-bidu ta' xogħol tas-sajf, u l-impjieg ta' studenti/ħaddiema tas-sajf oħra għandu jsegwi l-kriterji kif stabbiliti mill-Att tal-Jobsplus (para 15) ;

- għandhom jibagħtu l-formola ta' Tmiem l-Impjieg tal-Jobsplus fi tmiem ix-xogħol tas-sajf;

- għandu jitfittex l-approvazzjoni tat-Taqsima tal-Għotjiet ta' Manteniment għall-Istudenti jekk l-istudenti se jaħdmu f'perjodu differenti milli msemmi f'din iċ-ċirkolari jew jekk xi kundizzjoni msemmija f'din iċ-ċirkulari hija b'xi mod mibdula.

Min iħaddem qed jiġi mħeġġeġ jorganizza laqgħat ta' introduzzjoni għall-istudenti qabel dawn jibdew l-impjieg. Id-deċiżjoni finali rigward l-għażla u fejn jiġu allokati l-istudenti tittieħed biss mit-Taqsima ta' l-Għotjiet ta' Manteniment għall-Istudenti.

Ministeri, Dipartimenti tal-Gvern, Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku, huma ġentilment mitluba jirreġistraw u jipprovdu nformazzjoni dwar l-opportunitajiet tagħhom ta' xogħol tas-sajf billi jimlew il-formola onlajn sa mhux aktar tard minn nhar il-**Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2026** permezz ta' din il-ħolqa: https://forms.office.com/e/Ds1gXHEHbk?origin=lprLink

Applikazzjonijiet wara din id-data jistgħu jiġu kkunsidrati.

Kull min se jimpjega se jkun qed jiġi nfurmat bid-dettalji tal-istudenti sat-2 ta' Lulju 2026.

t + 356 2598 0000 e matthew.a.vella@gov.mt | www.education.gov.mt

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION
PEOPLE MANAGEMENT DEPARTMENT

Qegħda tinġibed l-attenzjoni tal-Kapijiet tad-Dipartimenti tal-Gvern għall-ħtieġa li jiġi żgurat li hemm fondi adegwati fl-emolumenti personali tal-vot rispettiv tagħhom.

Għal aktar dettalji jew f'kas ta' diffikultà, intom ġentilment mitluba tikkuntattjaw lit-Taqsima tal-Għotjiet tal-Manteniment għall-Istudenti permezz ta' ijmejl fuq ***administration.meyr@gov.mt***

Mary Scicluna
Direttur Ġenerali – People Management Department

t + 356 2598 0000 e matthew.a.vella@gov.mt | www.education.gov.mt